



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13319/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0207 (NLE)

TRANS 493
MAR 159
EU-GNSS 39
AVIATION 200
ESPACE 79
RELEX 948

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni
dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna
sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija,
tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172, flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,¹

¹ ĠU C

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-Ukrajna,¹("il-Ftehim") ġie ffirmat fl-1 ta' Diċembru 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013.
- (2) Il-Bulgarija u r-Rumanija saru Stati Membri tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 u l-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija, u tar-Rumanija u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, irid jintlaħaq qbil dwar l-adeżjoni għall-Ftehim permezz ta' protokoll għall-Ftehim. Dawk id-dispożizzjonijiet jipprevedu proċedura simplifikata li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u mill- Ukrajna.
- (4) Fit-23 ta' Ottubru 2006 u fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati sabiex tikkonkludi protokoll għall-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu kkonkludew.

¹ ĠU L 125, 26.4.2014, p. 3.

- (5) Il-Kummissjoni kkonkludiet b'suċċess in-negozjati mal-Ukrajna dwar il-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), permezz ta' skambju ta' *notes verbales*.
- (6) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺, il-Protokoll ġie ffirmat fi [...]++,
- soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (7) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...ta'...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (ĠU L , , p.).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 13318/19 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna bir-referenza.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar.

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, b'dan huwa approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.⁺

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁺ Delegazzjonijiet: araw ST 13343/19.